

# Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea

L 183



Edizzjoni bil-Malti

Leġiżlazzjoni

Volum 62

9 ta' Lulju 2019

Werrej

## II Atti mhux leġiżlattivi

### REGOLAMENTI

- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2019/1169 tat-8 ta' Lulju 2019 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela** ..... 1
- ★ **Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/1170 tat-8 ta' Lulju 2019 li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (KE) Nru 29/2009 li jistabbilixxi rekwiżiti dwar servizzi ta' kollegament tad-data għall-Ajru Uniku Ewropew <sup>(1)</sup>** ..... 6

### DEĊIŻJONIJET

- ★ **Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2019/1171 tat-8 ta' Lulju 2019 li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela** ..... 9

### Rettifika

- ★ **Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2019/1113 tad-19 ta' Ġunju 2019 dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) (EUTM RCA/1/2019) (ĠU L 176, 1.7.2019)** ..... 14
- ★ **Rettifika tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet (ĠU L 201, 27.7.2012)** ..... 14

<sup>(1)</sup> Test b'rilevanza għaż-ŻEE.



## II

(Atti mhux leġiżlattivi)

## REGOLAMENTI

## REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (UE) 2019/1169

tat-8 ta' Lulju 2019

**li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 2017/2063 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidra r-Regolament tal-Kunsill (UE) 2017/2063 tat-13 ta' Novembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 17(1) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-13 ta' Novembru 2017 il-Kunsill adotta r-Regolament (UE) 2017/2063.
- (2) Id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet għal tliet persuni elenkati fl-Anness IV għar-Regolament (UE) 2017/2063 jenħtieġ li tiġi aġġornata, u jenħtieġ li s-sess jiġi inkluż fl-informazzjoni ta' identifikazzjoni għall-persuni kollha elenkati f'dak l-Anness.
- (3) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Anness IV għar-Regolament (UE) 2017/2063 jiġi emendat skont dan,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

L-Anness IV għar-Regolament (UE) 2017/2063 huwa emendat kif jinsab fl-Anness għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2019.

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

A.-K. PEKONEN

---

<sup>(1)</sup> ĠUL 295, 14.11.2017, p. 21.

## ANNEX

Fl-Anness IV għar-Regolament (UE) 2017/2063, l-entrati 1 sa 18 jiġu sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

|     | Isem                           | Informazzjoni ta' identifikazzjoni                   | Raġunijiet                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                           | Data tal-ejenkar |
|-----|--------------------------------|------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------|
| "1. | Néstor Luis Reverol Torres     | Data tat-Twelid: 28 ta' Ottubru 1964<br>Sess: raġel  | Ministru għall-Intern, il-Ġustizzja u l-Paċi; eks-Kmandant Ġenerali tal-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana. Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika fil-Venezwela, inkluża l-projbizzjoni u r-repressjoni ta' dimostrazzjonijiet politiċi.                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  | 22.1.2018        |
| 2.  | Gustavo Enrique González López | Data tat-Twelid: 2 ta' Novembru 1960<br>Sess: raġel  | Maħtur mill-ġdid bħala Kap tas-Servizz Nazzjonali tal-Intelligence Bolivarjan (SEBIN) fit-30 ta' April 2019. Eks-Konsulent dwar is-Sigurtà u l-Intelligence għall-uffiċċju tal-President mit-8 ta' Jannar 2019 sat-30 ta' April 2019 u Kap tas-SEBIN sa Ottubru 2018. Bħala Kap tas-SEBIN, kien responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem (inkluż detenzjoni arbitraria, trattament inuman u degradanti, u tortura) u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Venezwela.                                                                                                                                                                                                     | 22.1.2018        |
| 3.  | Tibisay Lucena Ramírez         | Data tat-Twelid: 26 ta' April 1959<br>Sess: mara     | President tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali ( <i>Consejo Nacional Electoral</i> – CNE). L-azzjonijiet u l-politiki tagħha dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż bil-faċilitazzjoni tat-twaqqif ta' Assemblée Kostitwenti billi naqset milli tiżgura li s-CNE jibqa' istituzzjoni imparzjali u indipendenti skont il-Kostituzzjoni tal-Venezwela.                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                           | 22.1.2018        |
| 4.  | Antonio José Benavides Torres  | Data tat-Twelid: 13 ta' Ġunju 1961<br>Sess: raġel    | Kap tal-Gvern tad-Distrett Kapitali ( <i>Distrito Capital</i> ) sa Jannar 2018. Kmandant Ġenerali tal-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana sal-21 ta' Ġunju 2017. Involut fir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Venezwela, u responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana taħt il-kmand tiegħu. L-azzjonijiet u l-politiki tiegħu bħala Kmandant Ġenerali tal-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana, inkluż li l-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana tmexxi fis-sorveljanza ta' dimostrazzjonijiet ċivili u l-promozzjoni pubblika biex il-qراطي militari jkollhom ġurisdizzjoni fuq il-persuni ċivili, dgħajfu l-istat tad-dritt fil-Venezwela. | 22.1.2018        |
| 5.  | Maikel José Moreno Pérez       | Data tat-Twelid: 12 ta' Diċembru 1965<br>Sess: raġel | President, u eks-Viċi President, tal-Qorti Suprema tal-Ġustizzja tal-Venezwela ( <i>Tribunal Supremo de Justicia</i> ). F'dawn ir-rwoli, huwa appoġġa u ffaċilita l-azzjonijiet u l-politiki tal-Gvern li dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, u huwa responsabbli għal azzjonijiet u dikjarazzjonijiet li użurpaw l-awtorità tal-Assemblea Nazzjonali.                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                          | 22.1.2018        |

|    | Isem                            | Informazzjoni ta' identifikazzjoni                                                                                                          | Raġunijiet                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      | Data tal-elenkar |
|----|---------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------|
| 6. | Tarek William Saab Halabi       | Data tat-Twelid: 10 ta' Settembru 1963<br>Sess: raġel                                                                                       | Avukat Ġenerali tal-Venezwela maħtur mill-Assemblea Kostitwenti. F'dan ir-rwol u r-rwoli preċedenti b'ħala Ombudsman u President tal-Kunsill Morali Repubblikan, huwa dgħajjef id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela billi pubblikament appoġġa azzjonijiet kontra avversarji tal-Gvern u l-irtirar ta' kompetenzi mill-Assemblea Nazzjonali.                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        | 22.1.2018        |
| 7. | Diosdado Cabello Randón         | Data tat-Twelid: 15 ta' April 1963<br>Sess: raġel                                                                                           | President tal-Assemblea Kostitwenti u l-Ewwel Viċi President tal-Partit Soċjalista Magħqud tal-Venezwela (PSUV). Involut f'azzjonijiet li jdgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż bl-użu tal-media biex jiġu attakkati u mhedda pubblikament l-oppożizzjoni politika, media oħra u s-soċjetà ċivili.                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                   | 22.1.2018        |
| 8. | Tareck Zaidan El-Aissami Maddah | Viċi President tal-Ekonomija u Ministru għall-Industrija u l-Produzzjoni Nazzjonali<br>Data tat-Twelid: 12 ta' Novembru 1974<br>Sess: raġel | Viċi President tal-Ekonomija u Ministru għall-Industrija u l-Produzzjoni Nazzjonali. B'ħala l-eks-Viċi President tal-Venezwela b'sorveljanza tad-direzzjoni tas-Servizz Nazzjonali tal-Intelligence Bolivarjan (SEBIN), Maddah huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-organizzazzjoni, inkluż id-detenzjoni arbitrara, l-investigazzjonijiet motivati politikament, it-trattament inuman u degradanti, u t-tortura. Huwa wkoll responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet li jdgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt, inkluż il-projbizzjoni ta' dimostrazzjonijiet pubbliċi, u t-tmexxija tal-"kmand anti-coup" tal-President Maduro immirat lejn is-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.                                                       | 25.6.2018        |
| 9. | Sergio José Rivero Marcano      | Spettur Ġeneral tal-Forzi Armati Nazzjonali Bolivarjani<br>Data tat-Twelid: 8 ta' Novembru 1964<br>Sess: raġel                              | Kmandant Ġenerali tal-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana sas-16 ta' Jannar 2018. Involut fir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Venezwela, u responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana taħt il-kmand tiegħu, inkluż l-użu eċċessiv tal-forza, u d-detenzjoni arbitrara u l-abbuż ta' membri tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni. L-azzjonijiet u l-politiki tiegħu b'ħala Kmandant Ġeneral tal-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana, inkluż l-assalt mill-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana ta' membri tal-Assemblea Nazzjonali eletta demokratikament u l-intimidazzjoni tal-ġurnalisti li jirrappurtaw dwar l-elezzjonijiet frodulenti għall-Assemblea Kostitwenti li hija illeġittima, dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela. | 25.6.2018        |

|     | Isem                         | Informazzjoni ta' identifikazzjoni                                                                           | Raġunijiet                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      | Data tal-elencar |
|-----|------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------|
| 10. | Jesús Rafael Suárez Chourio  | Kmandant Ġeneral tal-Armata Bolivarjana<br>Data tat-Twelid: 19 ta' Lulju 1962<br>Sess: raġel                 | Kmandant Ġeneral tal-Armata Nazzjonali Bolivarjana tal-Venezwela u eks-Kmandant tar-Reġjun ta' Difiża Komprensiv tal-Venezwela taż-Żona Ċentrali (REDI Ċentrali). Responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem minn forzi taħt il-kmand tiegħu, inkluż l-użu eċċessiv tal-forza u l-maltrattament tad-detenu. Huwa attakka l-oppożizzjoni demokratika u appoġġa l-użu ta' qراطي militari biex jipproċessa dimostranti ċivili.                                                                                              | 25.6.2018        |
| 11. | Iván Hernández Dala          | Kap tad-Direttorat Ġenerali ta' Kontrospjunaġġ Militari<br>Data tat-Twelid: 18 ta' Mejju 1966<br>Sess: raġel | Kap tad-Direttorat Ġenerali ta' Kontrospjunaġġ Militari (DGCIM) minn Jannar 2014 u Kap tal-Gwardja Presidenzjali minn Settembru 2015. Bħala l-Kap tad-DGCIM, Iván Hernández Dala huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika mwettqa minn membri tad-DGCIM taħt il-kmand tiegħu, inkluż l-użu eċċessiv tal-forza u l-maltrattament tad-detenu.                                                                                                 | 25.6.2018        |
| 12. | Delcy Eloina Rodríguez Gómez | Viċi President tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela<br>Data tat-Twelid: 18 ta' Mejju 1969<br>Sess: mara  | Viċi President tal-Venezwela, eks-President tal-Assemblea Kostitwenti illeġittima u eks-membri tal-Kummissjoni Presidenzjali għall-Assemblea Kostitwenti Nazzjonali illeġittima. L-azzjonijiet tagħha rigward il-Kummissjoni Presidenzjali u mbagħad bħala President tal-Assemblea Kostitwenti illeġittima mminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż l-użurpazzjoni tas-setgħat tal-Assemblea Nazzjonali biex jintużaw kontra l-oppożizzjoni u biex dawn ma jitħallewx jieħdu sehem fil-proċess politiku. | 25.6.2018        |
| 13. | Elías José Jaua Milano       | Ministru tas-Setgħa Popolari għall-Edukazzjoni<br>Data tat-Twelid: 16 ta' Diċembru 1969<br>Sess: raġel       | Ministru tas-Setgħa Popolari għall-Edukazzjoni. Eks-President tal-Kummissjoni Presidenzjali għall-Assemblea Kostitwenti Nazzjonali illeġittima. Responsabbli li dgħajef id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela permezz tar-rwol tiegħu li wassal biex tiġi stabbilita l-Assemblea Kostitwenti illeġittima.                                                                                                                                                                                                            | 25.6.2018        |
| 14. | Sandra Oblitas Ruzza         | Viċi President tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali<br>Data tat-Twelid: 7 ta' Ġunju 1969<br>Sess: mara          | Viċi President tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali (CNE) u President tal-Kummissjoni tar-Reġistru Elettorali u Ċivili. Responsabbli għall-attivitàjiet tas-CNE li mminaw id-demokrazija fil-Venezwela, inkluż l-iffaċilitar tal-istabbiliment tal-Assemblea Kostitwenti illeġittima u l-manipulazzjoni tal-proċess elettorali.                                                                                                                                                                                                    | 25.6.2018        |

|     | Isem                                  | Informazzjoni ta' identifikazzjoni                                   | Raġunijiet                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      | Data tal-elekar |
|-----|---------------------------------------|----------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------|
| 15. | Freddy Alirio Bernal Rosales          | Data tat-Twelid: 16 ta' Ġunju 1962<br>Sess: raġel                    | Il-Kap ta' Ċentru ta' Kontroll Nazzjonali tal-Kumitat għall-Provvista u l-Produzzjoni Lokali (CLAP) u l-Kummissarju Ġenerali ta' SEBIN. Responsabbli li dgħajef id-demokrazija permezz tal-manipulazzjoni tad-distribuzzjonijiet tal-programm CLAP fost il-votanti. Barra minn hekk, bħala Kummissarju Ġenerali ta' SEBIN, huwa responsabbli għall-attivitajiet ta' SEBIN li jinkludu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem bħad-detenzjoni arbitrarja.                                                                                                         | 25.6.2018       |
| 16. | Katherine Nayarith Harrington Padrón  | Data tat-Twelid: 5 ta' Diċembru 1971<br>Sess: mara                   | Viċi Prosekutur Ġenerali (tradotta wkoll bħala Viċi Avukat Ġenerali) minn Lulju 2017 sa Ottubru 2018. Maħtura Viċi Prosekutur Ġenerali mill-Qorti Suprema minflok mill-Assemblea Nazzjonali, bi ksur tal-Kostituzzjoni. Responsabbli milli dgħajfet id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż billi tat bidu għal prosekuzzjonijiet politikament motivati u naqset milli tinvestiga allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem mir-reġim ta' Maduro.                                                                                   | 25.6.2018       |
| 17. | Socorro Elizabeth Hernández Hernández | Data tat-Twelid: 11 ta' Marzu 1952<br>Sess: mara                     | Membru (Rettur) tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali (CNE) u membru tal-Bord Elettorali Nazzjonali (JNE). Responsabbli għall-attivitajiet tas-CNE li mminaw id-demokrazija fil-Venezwela, inkluż l-iffaċilitar tal-istabbiliment tal-Assemblea Kostitwenti illeġittima u l-manipulazzjoni tal-proċess elettorali b'rabta mal-elezzjoni revokatorja presidenzjali li ġiet ikkanċellata fl-2016, il-posponiment tal-elezzjonijiet tal-gvernaturi fl-2016, u r-rilokazzjoni ta' postijiet tal-votazzjoni fi żmien qasir qabel l-elezzjonijiet tal-gvernaturi fl-2017. | 25.6.2018       |
| 18. | Xavier Antonio Moreno Reyes           | Segretarju Ġenerali tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali<br>Sess: raġel | Segretarju Ġenerali tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali (CNE). Responsabbli li approva d-deċiżjonijiet tas-CNE li mminaw id-demokrazija fil-Venezwela, inkluż l-iffaċilitar tal-istabbiliment tal-Assemblea Kostitwenti illeġittima u l-manipulazzjoni tal-proċess elettorali.                                                                                                                                                                                                                                                                                    | 25.6.2018".     |

**REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2019/1170****tat-8 ta' Lulju 2019****li jemenda u jikkoreġi r-Regolament (KE) Nru 29/2009 li jistabbilixxi rekwiżiti dwar servizzi ta' kollegament tad-*data* għall-Ajru Uniku Ewropew****(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2018/1139 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju 2018 dwar regoli komuni fil-qasam tal-avjazzjoni ċivili u li jistabbilixxi Aġenzija tas-Sikurezza tal-Avjazzjoni tal-Unjoni Ewropea, u li jemenda r-Regolamenti (KE) Nru 2111/2005, (KE) Nru 1008/2008, (UE) Nru 996/2010, (UE) Nru 376/2014 u d-Direttivi 2014/30/UE u 2014/53/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar ir-Regolamenti (KE) Nru 552/2004 u (KE) Nru 216/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u r-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 3922/91 <sup>(1)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikoli 43 u 44 tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 29/2009 <sup>(2)</sup> jistabbilixxi rekwiżiti għall-introduzzjoni koordinata ta' servizzi ta' kollegament tad-*data* bbażati fuq komunikazzjonijiet mill-ajru għall-art minn punt għall-ieħor.
- (2) Filwaqt li jiġu rikonossuti l-kwistjonijiet attwali fl-implimentazzjoni b'rabta mal-kollegament tad-*data* u l-azzjonijiet korrettivi meħuda, u filwaqt li jiġi rikonossut li mill-inqas 75 % tat-titjiriet jenħtieġ li jkunu mgħammra b'kapacià ta' kollegament tad-*data*, il-kriterji għall-eżenzjonijiet jenħtieġ li jiġu emendati. Dawk il-kriterji jenħtieġ li jibqgħu effettivi, mingħajr ma jitqiegħed piż ekonomiku mhux xieraq fuq kategoriji speċifiċi ta' operaturi li jikkontribwixxu ferm inqas għall-għadd kumplessiv ta' titjiriet. Tali kategoriji jenħtieġ li jinkludu operaturi ta' inġenji tal-ajru b'Sistemi tal-Futur għan-Navigazzjoni tal-Ajru (FANS) 1/A installati, operaturi ta' inġenji tal-ajru aktar qodma, u operaturi ta' inġenji tal-ajru ddisinjati biex iġorru 19-il passiġġier jew inqas.
- (3) Sabiex ir-Regolament jinżamm aġġornat, jenħtieġ li fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 29/2009 isiru referenzi għall-emendi għall-Anness 10 tal-Organizzazzjoni tal-Avjazzjoni Ċivili Internazzjonali ("ICAO"), u li jiġu kkorreġuti diversi żbalji klerikali.
- (4) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/310 <sup>(3)</sup> emenda l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 29/2009, iżda dik l-emenda ma kinitx riflessa tajjeb fl-Artikoli 6 u 8 korrispondenti tar-Regolament (KE) Nru 29/2009. Jenħtieġ li din l-ommissjoni tiġi kkorreġuta.
- (5) Billi dan ir-Regolament jemenda l-kriterji għall-eżenzjonijiet skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 29/2009, huwa xieraq li t-termini tar-Regolament imsemmi l-aħħar jiġu adattati wkoll għall-Artikolu 127(3) tar-Regolament (UE) 2018/1139, imsemmi fl-Artikolu 44 tiegħu.
- (6) Għalhekk, ir-Regolament (KE) Nru 29/2009 jenħtieġ li jiġi emendat skont dan.
- (7) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skont l-opinjoni tal-Kumitat stabbilit bl-Artikolu 127(3) tar-Regolament (UE) 2018/1139.

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

**Artikolu 1**

Ir-Regolament (KE) Nru 29/2009 huwa emendat kif ġej:

- (1) Fl-Artikolu 3, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“3. Il-paragrafu 2 ma għandux japplika għal:

- (a) inġenji tal-ajru li għandhom ċertifikat individwali tal-ajrunavigabbiltà li nħareġ għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Jannar 1995;

<sup>(1)</sup> ĠU L 212, 22.8.2018, p. 1.

<sup>(2)</sup> Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 29/2009 tas-16 ta' Jannar 2009 li jistabbilixxi rekwiżiti dwar servizzi ta' kollegament tad-*data* għall-Ajru Uniku Ewropew (ĠU L 13, 17.1.2009, p. 3).

<sup>(3)</sup> Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2015/310 tas-26 ta' Frar 2015 li jemenda r-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 29/2009 li jistabbilixxi rekwiżiti dwar servizzi ta' kollegament tad-*data* għall-Ajru Uniku Ewropew u li jħassar ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 441/2014 (ĠU L 56, 27.2.2015, p. 30).



- (b) inġenji tal-ajru li għandhom ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà individwali li nħareġ għall-ewwel darba qabel il-31 ta' Diċembru 2003 u li jkunu se jieqfu joperaw fl-ispazju tal-ajru msemmi fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 1 qabel il-31 ta' Diċembru 2022;
  - (c) inġenji tal-ajru li għandhom ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà individwali li nħareġ għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Jannar 2018 u li qabel dik id-data ġew mgħammra b'taġhmira ta' kollegament tad-*data* konformi mar-rekwiżiti ta' wieħed mid-dokumenti Eurocae speċifikati fil-punt 10 tal-Anness III;
  - (d) inġenji tal-ajru b'kapasità massima ċċertifikata ta' postijiet bilqiegħda ta' 19-il passiġġier jew inqas u b'massa massima waqt it-tluġh ta' 45 359 kg (100 000 lbs) jew inqas, li għandhom ċertifikat tal-ajrunavigabbiltà individwali li jkun inħareġ għall-ewwel darba qabel il-5 ta' Frar 2020;
  - (e) Inġenji tal-ajru tal-Istat;
  - (f) inġenji tal-ajru li jtiru fl-ispazju tal-ajru msemmi fil-paragrafu 3 tal-Artikolu 1 għal għanijiet ta' ttestjar, ta' konsenja jew ta' manutenzjoni jew b'kostitwenti ta' kollegament tad-*data* li jkunu temporanjament mhux operattivi skont il-kundizzjonijiet speċifikati fil-lista applikabbli dwar it-taġhmira minimu meħtieġ skont il-punt 1 tal-Anness III."
- (2) fil-paragrafi 1, 2 u 3 tal-Artikolu 6, ir-referenzi għall-Artikolu 3(2) u 3(3) huma sostitwiti b'referenzi għall-Artikolu 3(2);
  - (3) fil-paragrafi 1, 2 u 3 tal-Artikolu 8, ir-referenzi għall-Artikolu 3(5) huma sostitwiti b'referenzi għall-Artikolu 3(4);
  - (4) fil-paragrafu 2 tal-Artikolu 14, "Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 549/2004" huwa sostitwit b'"Artikolu 127(3) tar-Regolament (UE) 2018/1139";
  - (5) fl-Artikolu 14, il-paragrafu 3 huwa sostitwit b'dan li ġejj:
- "3. Il-kriterji msemmija fil-paragrafu 1 għandhom ikunu dawn li ġejjin:
- (a) kombinamenti ta' tipi/mudelli ta' inġenji tal-ajru, li jkunu waslu biex jilhqqu tmiem il-ħajja tal-produzzjoni tagħhom u li jiġu prodotti f'numri limitati; u
  - (b) kombinamenti ta' tipi/mudelli ta' inġenji tal-ajru li l-kostijiet meħtieġa biex dawn jergħu jifasslu mill-ġdid tkun sproporzjonata minħabba li d-disinn ikun antik.";
- (6) L-Anness III huwa sostitwit bit-test fl-Anness ta' dan ir-Regolament.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2019.

Għall-Kummissjoni

Il-President

Jean-Claude JUNCKER

## ANNEX

## “ANNEX III

1. Il-punt ORO.MLR.105 tal-Anness III tar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 965/2012 tal-5 ta' Ottubru 2012 li jistabbilixxi rekwiżiti tekniċi u proċeduri amministrattivi relatati mal-operazzjonijiet bl-ajru, jew l-Anness 6 tal-ICAO — Operazzjoni ta' inġenji tal-ajru, Parti I, (Trasport Kummerċjali Internazzjonali bl-Ajru – Ajruplani) (Il-11-il edizzjoni, Lulju 2018, li tinkorpora l-emenda 43), jew l-Anness 6 tal-ICAO — Operazzjoni ta' inġenji tal-ajru, Parti II (Avjazzjoni Ġenerali Internazzjonali – Ajruplani) (L-10 Edizzjoni, Lulju 2018, li tinkorpora l-emenda 36).
  2. Kapitolu 3 — Netwerk tat-Telekomunikazzjoni Ajrunawtika, Taqsima 3.5.1.1 “Ġestjoni tal-Kuntest” (CM) punti ta' applikazzjoni (a) u (b) tal-Anness 10 tal-ICAO — Telekomunikazzjonijiet Ajrunawtiċi — Volum III, Parti I (Sistemi ta' Komunikazzjoni ta' *Data* Diġitali) (It-tieni edizzjoni, Lulju 2007, li tinkorpora l-emendi 70-82).
  3. Kapitolu 3 — Netwerk tat-Telekomunikazzjoni Ajrunawtika, Taqsima 3.5.2.2 “Komunikazzjonijiet b'Kollegament tad-*Data* bejn il-Kontrollur u l-Bdot” (CPDLC) il-punti ta' applikazzjoni (a) u (b) tal-Anness 10 tal-ICAO — Telekomunikazzjonijiet Ajrunawtiċi — Volum III, Parti I (Sistemi ta' Komunikazzjoni ta' *Data* Diġitali) (It-tieni edizzjoni, Lulju 2007, li tinkorpora l-emendi 70-82).
  4. Kapitolu 3 — Netwerk tat-Telekomunikazzjoni Ajrunawtika, Taqsimiet 3.3, 3.4 u 3.6 tal-Anness 10 tal-ICAO — Telekomunikazzjonijiet Ajrunawtiċi — Volum III, Parti I (Sistemi ta' Komunikazzjoni ta' *Data* Diġitali) (It-tieni edizzjoni, Lulju 2007, li tinkorpora l-emendi 70-82).
  5. Kapitolu 6 — Kollegament diġitali VHF mill-ajru għall-art (VDL) tal-Anness 10 tal-ICAO — Telekomunikazzjonijiet Ajrunawtiċi — Volum III, Parti I (Sistemi ta' Komunikazzjoni ta' *Data* Diġitali) (It-tieni edizzjoni, Lulju 2007, li tinkorpora l-emenda 90).
  6. Kapitolu 3 — Proċeduri ġenerali għas-servizz internazzjonali tat-telekomunikazzjoni ajrunawtika, Taqsima 3.5.1.5 tal-Anness 10 tal-ICAO — Telekomunikazzjonijiet Ajrunawtiċi — Volum II (Proċeduri ta' Komunikazzjoni inklużi dawk bi status ta' PANS) (Is-Seba' edizzjoni, Lulju 2016, li tinkorpora l-emendi 40-90).
  7. Kapitolu 2 — Ġenerali — Taqsima 2.26.3 tal-Anness 11 tal-ICAO — Servizzi tat-Traffiku tal-Ajru (L-14-il edizzjoni, Lulju 2016, li tinkorpora l-emenda 50-A).
  8. Kapitolu 6 — Rekwiżiti tas-servizzi tat-traffiku tal-ajru għall-komunikazzjonijiet — Taqsima 6.1.1.2, tal-Anness 11 tal-ICAO — Servizzi tat-Traffiku tal-Ajru (L-14-il edizzjoni, Lulju 2016, li tinkorpora l-emenda 50-A).
  9. Eurocae ED-111, Speċifikazzjonijiet funzjonali għar-reġistrazzjoni fuq l-art CNS/ATM, Lulju 2002, inkluża l-Emenda 1 (30.7.2003).
  10. Eurocae ED-100 (Settembru 2000) u ED-100A (April 2005), Rekwiżiti ta' Interoperabbiltà għal applikazzjonijiet ATS li jużaw Komunikazzjonijiet tad-*Data* ARINC 622.
  11. Eurocae ED-120 Standard tar-Rekwiżiti tas-Sikurezza u tal-Prestazzjoni għas-Servizzi ta' Kollegament tad-*data* tat-Traffiku tal-Ajru fl-Ispazju tal-Ajru Kontinentali, ippubblikat f'Mejju 2004, inkluża l-Bidla nru 1, ippubblikata f'April 2007, u l-Bidla nru 2, ippubblikata f'Ottubru 2007.”
-

# DEĊIŻJONIJIET

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2019/1171

tat-8 ta' Lulju 2019

**li temenda d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 29 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

- (1) Fit-13 ta' Novembru 2017 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 <sup>(1)</sup> dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela.
- (2) Id-dikjarazzjoni tar-raġunijiet għal tliet persuni elenkati fl-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 jenħtieġ li tiġi aġġornata, u jenħtieġ li s-sess jiġi inkluż fl-informazzjoni ta' identifikazzjoni għall-persuni kollha elenkati f'dak l-Anness.
- (3) Għaldaqstant, jeħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

### Artikolu 1

L-Anness I għad-Deċiżjoni (PESK) 2017/2074 huwa emendat kif stabbilit fl-Anness għal din id-Deċiżjoni.

### Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Magħmul fi Brussell, it-8 ta' Lulju 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

A.-K. PEKONEN

---

<sup>(1)</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2017/2074 tat-13 ta' Novembru 2017 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Venezwela (ĠU L 295, 14.11.2017, p. 60).

## ANNEX

Fl-Anness I għad-Deċiżjoni (PEŠK) 2017/2074, l-entrati 1 sa 18 jiġu sostitwiti bl-entrati li ġejjin:

|     | Isem                           | Informazzjoni ta' identifikazzjoni                   | Raġunijiet                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                           | Data tal-elencar |
|-----|--------------------------------|------------------------------------------------------|----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------|
| "1. | Néstor Luis Reverol Torres     | Data tat-Twelid: 28 ta' Ottubru 1964<br>Sess: raġel  | Ministru għall-Intern, il-Ġustizzja u l-Paċi; eks-Kmandant Ġenerali tal-Gwardja Nazzjonali Bolivariana. Responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tal-oppożizzjoni demokratika fil-Venezwela, inkluża l-projbizzjoni u r-repressjoni ta' dimostrazzjonijiet politiċi.                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  | 22.1.2018        |
| 2.  | Gustavo Enrique González López | Data tat-Twelid: 2 ta' Novembru 1960<br>Sess: raġel  | Maħtur mill-ġdid Kap tas-Servizz Nazzjonali tal-Intelligence Bolivarian (SEBIN) fit-30 ta' April 2019. Eks-Konsulent dwar is-Sigurtà u l-Intelligence għall-Uffiċċju tal-President mit-8 ta' Jannar 2019 sat-30 ta' April 2019 u Kap tas-SEBIN sa Ottubru 2018. Bħala Kap tas-SEBIN, kien responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem (inkluż detenzjoni arbitrarja, trattament inuman u degradanti, u tortura) u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Venezwela.                                                                                                                                                                                                           | 22.1.2018        |
| 3.  | Tibisay Lucena Ramírez         | Data tat-Twelid: 26 ta' April 1959<br>Sess: mara     | President tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali ( <i>Consejo Nacional Electoral</i> – CNE). L-azzjonijiet u l-politiki tagħha dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż bil-faċilitazzjoni tat-twaqqif ta' Assemblée Kostitwenti billi naqset milli tiżgura li s-CNE jibqa' istituzzjoni imparzjali u indipendenti skont il-Kostituzzjoni tal-Venezwela.                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                           | 22.1.2018        |
| 4.  | Antonio José Benavides Torres  | Data tat-Twelid: 13 ta' Ġunju 1961<br>Sess: raġel    | Kap tal-Gvern tad-Distrett Kapitali ( <i>Distrito Capital</i> ) sa Jannar 2018. Kmandant Ġenerali tal-Gwardja Nazzjonali Bolivariana sal-21 ta' Ġunju 2017. Involut fir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Venezwela, u responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettaq mill-Gwardja Nazzjonali Bolivariana taħt il-kmand tiegħu. L-azzjonijiet u l-politiki tiegħu bħala Kmandant Ġenerali tal-Gwardja Nazzjonali Bolivariana, inkluż li l-Gwardja Nazzjonali Bolivariana tmexxi fis-sorveljanza ta' dimostrazzjonijiet ċivili u l-promozzjoni pubblika biex il-qراطي militari jkollhom ġurisdizzjoni fuq il-persuni ċivili, dgħajfu l-istat tad-dritt fil-Venezwela. | 22.1.2018        |
| 5.  | Maikel José Moreno Pérez       | Data tat-Twelid: 12 ta' Diċembru 1965<br>Sess: raġel | President, u eks-Viċi President, tal-Qorti Suprema tal-Ġustizzja tal-Venezwela ( <i>Tribunal Supremo de Justicia</i> ). F'dawn ir-rwoli, huwa appoġġa u ffaċilita l-azzjonijiet u l-politiki tal-Gvern li dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, u huwa responsabbli għal azzjonijiet u dikjarazzjonijiet li użurpaw l-awtorità tal-Assemblea Nazzjonali.                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                          | 22.1.2018        |

|    | Isem                            | Informazzjoni ta' identifikazzjoni                                                                                                          | Raġunijiet                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                     | Data tal-elekar |
|----|---------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|-----------------|
| 6. | Tarek William Saab Halabi       | Data tat-Twelid: 10 ta' Settembru 1963<br>Sess: raġel                                                                                       | Avukat Ġenerali tal-Venezwela maħtur mill-Assemblea Kostitwenti. F'dan ir-rwol u r-rwoli preċedenti bħala Ombudsman u President tal-Kunsill Morali Repubblikan, huwa dgħajjef id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela billi pubblikament appoġġa azzjonijiet kontra avversarji tal-Gvern u l-irtirar ta' kompetenzi mill-Assemblea Nazzjonali.                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                        | 22.1.2018       |
| 7. | Diosdado Cabello Rondón         | Data tat-Twelid: 15 ta' April 1963<br>Sess: raġel                                                                                           | President tal-Assemblea Kostitwenti u l-Ewwel Viċi President tal-Partit Soċjalista Magħqud tal-Venezwela (PSUV). Involut f'azzjonijiet li jdgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż bl-użu tal-media biex jiġu attakkati u mhedda pubblikament l-oppożizzjoni politika, media oħra u s-soċjetà ċivili.                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                  | 22.1.2018       |
| 8. | Tareck Zaidan El-Aissami Maddah | Viċi President tal-Ekonomija u Ministru għall-Industrija u l-Produzzjoni Nazzjonali<br>Data tat-Twelid: 12 ta' Novembru 1974<br>Sess: raġel | Viċi President tal-Ekonomija u Ministru għall-Industrija u l-Produzzjoni Nazzjonali. Bħala l-eks-Viċi President tal-Venezwela b'sorveljanza tad-direzzjoni tas-Servizz Nazzjonali tal-Intelligence Bolivarjan (SEBIN), Maddah huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-organizzazzjoni, inkluż id-detenzjoni arbitrara, l-investigazzjonijiet motivati politikament, it-trattament inuman u degradanti, u t-tortura. Huwa wkoll responsabbli għall-appoġġ u l-implimentazzjoni ta' politiki u attivitajiet li jdgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt, inkluż il-projbizzjoni ta' dimostrazzjonijiet pubbliċi, u t-tmexxija tal-"kmand anti-coup" tal-President Maduro immirat lejn is-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika.                                                       | 25.6.2018       |
| 9. | Sergio José Rivero Marcano      | Spettur Ġeneral tal-Forzi Armati Nazzjonali Bolivarjana<br>Data tat-Twelid: 8 ta' Novembru 1964<br>Sess: raġel                              | Kmandant Ġenerali tal-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana sas-16 ta' Jannar 2018. Involut fir-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika fil-Venezwela, u responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem imwettqa mill-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana taħt il-kmand tiegħu, inkluż l-użu eċċessiv tal-forza, u d-detenzjoni arbitrara u l-abbuż ta' membri tas-soċjetà ċivili u tal-oppożizzjoni. L-azzjonijiet u l-politiki tiegħu bħala Kmandant Ġeneral tal-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana, inkluż l-assalt mill-Gwardja Nazzjonali Bolivarjana ta' membri tal-Assemblea Nazzjonali eletta demokratikament u l-intimidazzjoni tal-ġurnalisti li jirrappurtaw dwar l-elezzjonijiet frodulenti għall-Assemblea Kostitwenti li hija illeġittima, dgħajfu d-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela. | 25.6.2018       |

|     | Isem                         | Informazzjoni ta' identifikazzjoni                                                                           | Raġunijiet                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      | Data tal-elencar |
|-----|------------------------------|--------------------------------------------------------------------------------------------------------------|---------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------|
| 10. | Jesús Rafael Suárez Chourio  | Kmandant Ġeneral tal-Armata Bolivarjana<br>Data tat-Twelid: 19 ta' Lulju 1962<br>Sess: raġel                 | Kmandant Ġeneral tal-Armata Nazzjonali Bolivarjana tal-Venezwela u eks-Kmandant tar-Reġjun ta' Difiża Komprensiv tal-Venezwela taż-Żona Ċentrali (REDI Ċentrali). Responsabbli għal ksur tad-drittijiet tal-bniedem minn forzi taħt il-kmand tiegħu, inkluż l-użu eċċessiv tal-forza u l-maltrattament tad-detenu. Huwa attakka l-oppożizzjoni demokratika u appoġġa l-użu ta' qراطي militari biex jipproċessa dimostranti ċivili.                                                                                              | 25.6.2018        |
| 11. | Iván Hernández Dala          | Kap tad-Direttorat Ġenerali ta' Kontrospjunaġġ Militari<br>Data tat-Twelid: 18 ta' Mejju 1966<br>Sess: raġel | Kap tad-Direttorat Ġenerali ta' Kontrospjunaġġ Militari (DGCIM) minn Jannar 2014 u Kap tal-Gwardja Presidenzjali minn Settembru 2015. Bħala l-Kap tad-DGCIM, Iván Hernández Dala huwa responsabbli għal ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem u r-repressjoni tas-soċjetà ċivili u l-oppożizzjoni demokratika mwettqa minn membri tad-DGCIM taħt il-kmand tiegħu, inkluż l-użu eċċessiv tal-forza u l-maltrattament tad-detenu.                                                                                                 | 25.6.2018        |
| 12. | Delcy Eloina Rodríguez Gómez | Viċi President tar-Repubblika Bolivarjana tal-Venezwela<br>Data tat-Twelid: 18 ta' Mejju 1969<br>Sess: mara  | Viċi President tal-Venezwela, eks-President tal-Assemblea Kostitwenti illeġittima u eks-membri tal-Kummissjoni Presidenzjali għall-Assemblea Kostitwenti Nazzjonali illeġittima. L-azzjonijiet tagħha rigward il-Kummissjoni Presidenzjali u mbagħad bħala President tal-Assemblea Kostitwenti illeġittima mminaw id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż l-użurpazzjoni tas-setgħat tal-Assemblea Nazzjonali biex jintużaw kontra l-oppożizzjoni u biex dawn ma jitħallewx jieħdu sehem fil-proċess politiku. | 25.6.2018        |
| 13. | Elías José Jaua Milano       | Ministru tas-Setgħa Popolari għall-Edukazzjoni<br>Data tat-Twelid: 16 ta' Diċembru 1969<br>Sess: raġel       | Ministru tas-Setgħa Popolari għall-Edukazzjoni. Eks-President tal-Kummissjoni Presidenzjali għall-Assemblea Kostitwenti Nazzjonali illeġittima. Responsabbli li dgħajef id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela permezz tar-rwol tiegħu li wassal biex tiġi stabbilita l-Assemblea Kostitwenti illeġittima.                                                                                                                                                                                                            | 25.6.2018        |
| 14. | Sandra Oblitas Ruzza         | Viċi President tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali<br>Data tat-Twelid: 7 ta' Ġunju 1969<br>Sess: mara          | Viċi President tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali (CNE) u President tal-Kummissjoni tar-Reġistru Elettorali u Ċivili. Responsabbli għall-attivitàjiet tas-CNE li mminaw id-demokrazija fil-Venezwela, inkluż l-iffaċilitar tal-istabbiliment tal-Assemblea Kostitwenti illeġittima u l-manipulazzjoni tal-proċess elettorali.                                                                                                                                                                                                    | 25.6.2018        |

|     | Isem                                 | Informazzjoni ta' identifikazzjoni                                   | Raġunijiet                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                                      | Data tal-elenkar |
|-----|--------------------------------------|----------------------------------------------------------------------|-----------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------------|------------------|
| 15. | Freddy Alirio Bernal Rosales         | Data tat-Twelid: 16 ta' Ġunju 1962<br>Sess: raġel                    | Il-Kap taċ-Ċentru ta' Kontroll Nazzjonali tal-Kumitat għall-Provvista u l-Produzzjoni Lokali (CLAP) u l-Kummissarju Ġenerali ta' SEBIN. Responsabbli li dgħajef id-demokrazija permezz tal-manipulazzjoni tad-distribuzzjonijiet tal-programm CLAP fost il-votanti. Barra minn hekk bħala Kummissarju Ġenerali ta' SEBIN, huwa responsabbli għall-attivitajiet ta' SEBIN li jinkludu ksur serju tad-drittijiet tal-bniedem bħad-detenzjoni arbitrarja.                                                                                                          | 25.6.2018        |
| 16. | Katherine Nayarith Harrington Padrón | Data tat-Twelid: 5 ta' Diċembru 1971<br>Sess: mara                   | Viċi Prosekutur Ġenerali (tradotta wkoll bħala Viċi Avukat Ġenerali) minn Lulju 2017 sa Ottubru 2018. Maħtura Viċi Prosekutur Ġenerali mill-Qorti Suprema minflok mill-Assemblea Nazzjonali, bi ksur tal-Kostituzzjoni. Responsabbli milli dgħajfet id-demokrazija u l-istat tad-dritt fil-Venezwela, inkluż billi tat bidu għal prosekuzzjonijiet politikament motivati u naqset milli tinvestiga allegazzjonijiet ta' ksur ta' drittijiet tal-bniedem mir-reġim ta' Maduro.                                                                                   | 25.6.2018        |
| 17. | Socorro Elizabeth Hernández          | Data tat-Twelid: 11 ta' Marzu 1952<br>Sess: mara                     | Membru (Rettur) tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali (CNE) u membru tal-Bord Elettorali Nazzjonali (JNE). Responsabbli għall-attivitajiet tas-CNE li mminaw id-demokrazija fil-Venezwela, inkluż l-iffaċilitar tal-istabbiliment tal-Assemblea Kostitwenti illeġittima u l-manipulazzjoni tal-proċess elettorali b'rabta mal-elezzjoni revokatorja presidenzjali li ġiet ikkanċellata fl-2016, il-posponiment tal-elezzjonijiet tal-gvernaturi fl-2016, u r-rilokazzjoni ta' postijiet tal-votazzjoni fi żmien qasir qabel l-elezzjonijiet tal-gvernaturi fl-2017. | 25.6.2018        |
| 18. | Xavier Antonio Moreno Reyes          | Segretarju Ġenerali tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali<br>Sess: raġel | Segretarju Ġenerali tal-Kunsill Elettorali Nazzjonali (CNE). Responsabbli li approva d-deċiżjonijiet tas-CNE li mminaw id-demokrazija fil-Venezwela, inkluż l-iffaċilitar tal-istabbiliment tal-Assemblea Kostitwenti illeġittima u l-manipulazzjoni tal-proċess elettorali.                                                                                                                                                                                                                                                                                    | 25.6.2018".      |

**RETTIFIKA**

**Rettifika tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà (PESK) 2019/1113 tad-19 ta' Ġunju 2019  
dwar il-ħatra tal-Kmandant tal-Forza tal-Missjoni ta' Taħriġ Militari tal-PSDK tal-Unjoni Ewropea  
fir-Repubblika Ċentru-Afrikana (EUTM RCA) (EUTM RCA/1/2019)**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 176 tal-1 ta' Lulju 2019)

F'paġna 4,

*minflok:* "Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

S. FROM-EMMERSBERGER",

*aqra:* "Għall-Kumitat Politiku u ta' Sigurtà

Il-President

S. FROM-EMMESBERGER".

---

**Rettifika tar-Regolament (UE) Nru 648/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-4 ta' Lulju  
2012 dwar derivati OTC, kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet**

(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 201 tas-27 ta' Lulju 2012)

F'paġna 14, l-Artikolu 1(1),

*minflok:* "1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti tal-ikklerjar u tal-immaniġġjar bilaterali tar-riskju għall-kuntratti tad-derivati negozjati barra l-Borża ("OTC"), ir-rekwiżiti ta' rappurtar għall-kuntratti tad-derivati u rekwiżiti uniformi għat-twettiq ta' attivitajiet ta' kontropartijiet ċentrali u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet.",

*aqra:* "1. Dan ir-Regolament jistabbilixxi rekwiżiti tal-ikklerjar u tal-immaniġġjar bilaterali tar-riskju għall-kuntratti tad-derivati negozjati barra l-Borża ("OTC"), ir-rekwiżiti ta' rappurtar għall-kuntratti tad-derivati u rekwiżiti uniformi għat-twettiq ta' attivitajiet ta' kontropartijiet ċentrali ("CCPs") u repożitorji tad-data dwar it-tranżazzjonijiet.",

F'paġna 14, l-Artikolu 2(1),

*minflok:* "(1) "kontroparti ċentrali" tfisser persuni ġuridika li tqiegħed lilha nnifisha bejn il-kontropartijiet għall-kuntratti nnegozjati f'suq finanzjarju wieħed jew iktar, li ssir ix-xerrejja għal kull bejjiegħ u l-bejjiegħa għal kull xerrej",

*aqra:* "(1) "kontroparti ċentrali" ("CCP") tfisser persuna ġuridika li tqiegħed lilha nnifisha bejn il-kontropartijiet għall-kuntratti nnegozjati f'suq finanzjarju wieħed jew iktar, li ssir ix-xerrejja għal kull bejjiegħ u l-bejjiegħa għal kull xerrej",

---









ISSN 1977-074X (edizzjoni elettronika)  
ISSN 1725-5104 (edizzjoni stampata)



**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**  
2985 Il-Lussemburgu  
IL-LUSSEMBURGU

**MT**